MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 286/2003

**Kennedy Store u b'digriet tad-19 ta' Frar, 2003, giet ordnata l-korrezzjoni billi qabel il-kliem "Kennedy Store" jitnizzlu l-kliem Mario Sammut ezercenti fil-kummerc taht l-isem tan-negozju"**

**vs**

**E.P.S. Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fil-31 ta' Jannar, 2003, fejn intalab il-hlas ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400.00) bhala rifuzjoni tal-prezz ta' airconditioner 24,000btu, liema airconditioner gie mibjugh mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici, u dan peress illi dan l-airconditioner mhux tal-kwalita` patwita;**
**Bl-ispejjez u bl-imghax kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' l-attur Mario Sammut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**Illi l-airconditioner in kwistjoni kien inxtara f'Marzu, 2002, u kien jahdem, pero` wara tlett xhur gratlu l-hsara. It-technician tas-socjeta` konvenuta sab li kien hemm hsara fil-kompressur, irranga l-airconditioner billi bidel xi partijiet, u dan hadem sa Ottubru, meta rega beda jaghmel hsejjes. Rega mar it-technician u sab li l-kumpressur mhux jahdem. Ghalhekk jirrizulta ampojament li l-airconditioner mibjugh ma kienx tajjeb.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra' l-Artikolu 13(b0 tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400.00) bl-imghax legali mit-3 ta' Marzu, 2003.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------